**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 2 ta' Gunju 2016

Rikors Guramentat Nru : 238/14 AL

**AB**

**vs**

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li permezz tieghu ir-rikorrenti ippremettiet:

1. Illi l-kontendenti zzewgu nhar il-14 ta' April 2012 skont kif jirrizulta mill-estratt tal-Att ta' Zwieg li qieghed jigi anness u mmarkata bhala Dok A;
2. Illi xi xahrejn wara dan iz-zwieg l-esponenti telqet tghix ghal rasha wara li l-intimat informaha li huwa kien ikkommetta adulterju u li xtaq li tigi tghix il-mara gdida fid-dar mieghu. L-intimat kien anke refa idu fuq l-esponenti;
3. Illi fiz-zmien qrib wara d-data ta' zwieg l-esponenti saret taf li l-intimat kien mithla sew tal-loghob tal-azzard, tant li kellha tirrikorri lil din il-Qorti sabiex tigi awtorizzata tipprezenta kuntratt ta' separazzjoni tal-assi li qieghed jigi hawn anness u mmarkat bhal Dok B;

4. Illi in oltre, xi seba xhur wara d-data taz-zwieg l-intimat qal lill-esponenti li huwa fil-fatt qatt ma xtaq ikollu tfal;
5. Illi ghalhekk jirrizulta li l-kunsens tal-kontendenti kien inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga u dan bi ksur tal-artikolu 19 (f) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta;
6. Illi minghajr pregudizzju jirrizulta wkoll li l-kunsens tal-intimat kien vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u dan bi ksur tal-artikolu 19(d) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta;
7. Illi l-esponent taf b'dawn il-fatti personalment;
8. Illi ghalhekk jezistu l-elementi neccesarji a tenur tal-Artikolu 19(d) u/jew 19(f) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex dan iz-zwieg jigi dikjarat null;

Talbet li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandiex tiddikjara null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi iz-zwieg bejn il-kontendenti ccelebrat nhar il-14 ta' April 2012, u dan taht dawk il-provedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni;

Bl-ispejjez u l-intimat ingunt in subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat illi l-konenut, debitament notifikat, ma pprezentax risposta u ghalhekk hu kontumaci f'din il-kawza;

Semghet lix-xhieda li tressqu;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi prodotti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attrici;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti ghandha quddiemha talba biex iz-zwieg bejn il-partijiet datat 14 t'April 2012 jigi dikjarat null u bla effett fil-ligi. Skont ir-rikors guramentat intavolat fit-23 t'Ottubru 2014 jidher li l-attrici qeghda tibbaza t-talba

taghha *ai termini* ta' l-Artikolu 19(1)(d) u l-Artikolu 19(1)(f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-konvenut huwa kontumaci f'dan il-kaz.

**Verzjoni attrici**

L-attrici xehdet permezz ta' affidavit[1] u *viva voce*[2] wkoll. Hija tghid li ltaqghet mal-konvenut f'Malta fis-sena 2011 meta hija kienet ghadha tahdem u tghix il-Belgju. Huma ghamlu erba' xhur jghixu flimkien, izda wara hi kellha titlaq lejn pajjizha, madanakollu zammew relazzjoni u wara ftit zmien regghet irritornat Malta. Meta kienet barra minn Malta, l-konvenut kien icemplilha ghal ammonti kbar ta' flus, u l-attrici kienet taghtih il-flus ghax kienet konvinta li l-konvenut vera kellu problemi finanzjarji. Ftit wara marret Londra biex tiltaqa' mal-familja tal-konvenut. Fit-12 t'April tas-sena 2012 il-partijiet izzewgu fir-Registru fil-Belt, Valletta u u fit-22 t'April 2012 telqu ghall-*honeymoon* taghhom f'Singapore. L-attrici tghid li l-problemi bdew minn hemm, apparti li hija hallset ghal kollox, waqt li kienu msifrin Singapore il-konvenut beda juri sinjali ta' vjolenza fil-konfront tal-attrici u qalilha wkoll li hu kien ihobb jilghab il-flus u kellu *gambling addiction,* huwa kien ukoll qabad siggu u tefghu tant li kissru mal-hajt, u ghamlu l-ahhar gimghatejn tal-honeymoon ma jitkellmux.

Huma nizlu biex jghixu f'Malta fit-13 ta' Mejju 2012 u minn hemm l-attrici indunat li r-relazzjoni bejn il-partijiet kienet spiccat. Fil-fatt hi tghid li sa mill-bidu huma qatt ma kien ikollhom x'jaqsmu sesswalment. Il-konvenut kien iqatta perjodi twal barra mid-dar u l-attrici bdiet tissusspetta li kellu xi mara ohra, u fil-fatt hekk tghid li kien ghaliex indunat mill-messaggi fuq it-telefon tieghu. Kif il-konvenut induna li l-attrici kienet qed tara dawn il-messaggi, irrabja, refaghha, gibdilha xaghra u tefaghha ma' l-art, u tant kienet imwegga' li ma setghetx ticcaqlaq u kellha torqod ma' l-art fejn kienet. L-ghada, l-konvenut qalilha li ha jitlaq mid-dar matrimonjali

[1] Ezebit a fol 15 tal-process

[2] Ara xhieda datata 16 ta' Dicembru 2015 a fol 40 tal-process

ghaliex kellu mara ohra. Fil-fatt huma kienu jorqdu separatament b'dan li l-konvenut gieli tefa' l-oggetti ta' l-attrici fuq it-tarag biex hi titlaq il-barra.

F'Awissu tas-sena 2012 l-attrici telqet mid-dar matrimonjali u l-partijiet ma tkellmux ghal sitt gimghat, izda kien regghu ltaqghu f'funeral, hemmhekk il-konvenut kien qalilha li kellu problema kbira ghaliex kellu hafna dejn mill-loghob ta' l-azzard, u ipprova jghid lill-attrici li kien kollu t-tort taghha. L-attrici hadet parir minghand l-avukat u l-partijiet ghamlu ftehim ta' separazzjoni tal-beni. Minn hemm il-konvenut beda jghid lill-attrici li ghadu jhobbha u li se jinbidel u allura f'Dicembru 2012 l-attrici halliet lill-konvenut jerga' jigi jghix maghha. Madanakollu l-attrici tghid li qatt ma kien hemm komunikazzjoni bejniethom, dejjem glied, tant li l-girien kienu jghidulhom biex jieqfu, u kellhom jmorru jghixu x'imkien iehor u l-vjolenza ma waqfitx l-anqas. L-attrici tghid li kull darba li kienet issemmi l-loghob tal-flus lill-konvenut, jew li kien qieghed jara nisa' ohra, kien isir fizikament vjolenti, tant li darba sawwatha quddiem ohtha.

L-attrici kienet qed thossha mdejqa ghaliex kienet konvinta li l-konvenut kien qieghed ikollu relazzjonijiet adulteri ma' nisa' ohra ghaliex kien iqatta' perjodi twal ma jersaq lejn id-dar. Il-partijiet ma kienux jorqdu fl-istess kamra u lanqas relazzjoni sesswali ma kellhom.

Huma marru jghixu San Pawl il-Bahar u hemmhekk ma kienux jitkellmu, fil-fatt il-konvenut kien iqatta hafna hin barra jilghab il-flus, u jirritorna biex ikun vjolenti maghha. L-attrici ma felhitx izjed u iddecidiet li ma tikkuntattjahx izjed sakemm intavolat il-kaz odjern.

## Verzjoni Konvenut

Illi l-konvenut ma xehdx f'dawn il-proceduri u din il-Qorti m'ghandiex il-verzjoni ta' l-istess.

## Provi ohra

Illi xehdet l-Ispettur Yvonne Farrugia[3] li ftit li xejn setghet taghti dawl fuq il-hajja matrimonjali tal-partijiet, ghajr li l-konvenut qieghed jigi investigat

[3] Ara xhieda datata 19 ta' Novembru 2015 a fol 37 tal-process

fuq misapproprjazzjoni ta' flus ta' terzi, u li hi infurmata li l-istess konvenut harab mill-gzejjer Maltin.

**Kunsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

Il-partijiet jidher li zzewgu nhar l-14 t'April 2012 u dan kif jirrizulta minn kopja tac-certifikat taz-zweig ezebit a fol 4 tal-process.

Issa l-Qorti ser tghaddi biex tezamina t-talbiet ta' l-attrici abbazi ta' l-Artikoli 19 (1)(d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta u abbazi ta' l-Artikoli 19(1)(f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-artikolu 19(1)(d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta jghid li z-zwieg jista' jigi dikjarat null kemm il-darba, "*il-kunsens ta' xi waħda mill-partijiet ikun vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju fuq il-ħajja miżżewġa, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tagħha, jew b'anomalija psikoloġika serja li tagħmilha impossibbli għal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ;*"

Illi dwar l-Artikolu 19(1)(d) u cioe' li l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew minhabba li l-partijiet kellhom anomalija psikologika serja, kienu inkapaci illi jaqdu l-obbligazzjonijiet essenzjali tal-hajja mizzewga, il-qorti thoss li mill-affidavit ta' l-attrici, li huwa l-unika prova ezebita, jirrizulta bl-aktar mod car li l-partijiet dahlu ghal dan iz-zwieg b'mod bla hsieb u l-iktar minghajr ma kellhom zmien biex verament jiskopru lil xulxin u dan peress li l-attrici kienet tghix f'pajjiz u l-konvenut f'pajjiz iehor, ghalhekk kien hemm din id-diffikulta' manifestata. Izda b'mod in partikolari jirrizulta li l-intenzjoni tal-konvenut kien li jsib lil xi hadd lest, jew vulnerabbli bizzejjed, biex jipprovdilu l-flus u jmantnih, u specjalment persuna li tkun tista' tghinu finanzjarjament biex jkompli jabbuza mill-vizzju tal-loghob. L-attrici irnexxielha tipprova sal-grad rikjest mil-ligi li l-konvenut ma dahalx fiz-zwieg biex jidhol ghad-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tal-hajja mizzewga. Madanakollu, l-attrici ghamlet dak kollu possibbli bhala mara mizzewga biex tghix hajja mizzewga kif jixraq. Il-fatt ukoll li l-konvenut, wara z-zwieg, ma riedx relazzjoni intima ma' martu l-attrici juri bic-car li l-kunsens tal-konvenut

kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni tal-gudizzju ai termini ta' l-Artikolu 19(1)(d) tal-Kap 255 tal-Ligjiet ta' Malta.

F'dan l-istadju ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet *Atkins Charles Vs Atkins Matilde*[4] fejn inghatat spjegazzjoni dettaljata ta' xi jfisser dan l-Artikolu u xi jrid jigi pruvat quddiem din l-Onorabbli Qorti sabiex it-talba attrici tigi akkolta. Fi kliem l-istess Onorabbli Qorti:

"*Il-kuncett tad-discretio judicii ma jirrikjediex maturita` shiha u perfetta fuq dak kollu li jirrikjedi z-zwieg, izda konoxxenza shiha ta' dak kollu li jkunu dehlin ghalih il-partijiet u cjoe` ghall-obbligi u d-drittijiet konjugali kemm fil-prezent kif ukoll fil-futur. Inoltre l-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' affettiva u cjoe` dak kollu li ghandu x'jaqsam ma' l-emozjonijiet u s-sentimenti taghhom fil-konfront ta' xulxin. Jekk xi wahda minn dawn l-elementi hija b'xi mod nieqsa, allura hemm difett tad-diskrezzjoni tal-gudizzju kif rikjest mill-ligi…Il-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' li taghmilhom kapaci jirriflettu fuq l-obbligi, id-dmirijiet u r-responsabbiltajiet li ggib maghha il-hajja mizzewga u jkunu ghalhekk kapaci jerfghu u jwettqu l-istess matul il-hajja matrimonjali taghhom*"*.*

Illi ssir referenza wkoll ghall-kawza fl-ismijiet *Borg Cachia Melanie Vs Borg Joseph*[5] *"Il-persuna li tat il-kunsens trid tkun qed issofri minn immaturita' affettiva jew semplici njoranza. B'dan l-artikolu, il-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta' mmaturita' fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku, izda dan in-nuqqas tad-discretio judicii huwa kuncett guridiku ntrinsikament marbut mal-kapacita' ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg…Il-gurisprudenza nostrana ssegwi din l-interpretazzjoni - ghalhekk id-difett irid ikun wiehed serju fil-fakolta' kritiko-estimativa tal-parti, difett li wiehed jevalwa u jifhem u jassumi dawk li huma d-drittijiet u dmirijiet essenzjali taz-zwieg, jew li jevalwa u jifhem x'inhu z-zwieg u l-hajja mizzewga".*

[4] Deciza nhar it-2 ta' Ottubru 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili

[5] Deciza nhar id-29 ta' Mejju 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili

In vista tal-gurisprudenza citata aktar 'il fuq u in vista tac-cirkustanzi li wasslu ghal dan iz-zwieg, il-qorti thoss li fil-mument tal-kunsens, il-konvenut ha din id-decizjoni b'kunsens vizzjat. Primarjment ghaliex il-konvenut dahal fiz-zwieg biex l-attrici sservi bhala bank ghalih, tant, li hu fatt inkontestat li l-attrici kienet tissupplixxih bil-flus biex ikompli jilghab, u kif ukoll il-fatt li l-konvenut huwa persuna vjolenti u adultera, immarkat minn perjodi twal ta' separazzjoni specjlament meta l-konvenut kien jitlaq mid-dar u ma jirritornax ghal zmien twil. Dan juri bic-car li l-kunsens tal-konvenut kien wiehed nieqes mid-diskrezzjoni mehtiega biex wiehed jifhem x'inhuma d-drittiet u d-dmirijiet taz-zwieg.

Illi l-Artikolu 19(1)(f) jghid li zwieg jista' jigi dikjarat null, *"jekk il-kunsens ta' xi waħda mill-partijiet ikun inkiseb bl-esklużjoni pożittiva taż-żwieġ innifsu, jew ta' xi wieħed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-ħajja miżżewġa, jew tad-dritt għall-att taż-żwieġ;"*

Ghalhekk issa l-Qorti ser tidhol biex tezamina jekk iz-zwieg in dizamina huwiex null ai termini ta' l-Artikolu 19(1)(f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta. Biex tigi milqugha talba ghal dikjarazzjoni ta' nullita' taz-zwieg f'dan il-kuntest, irid necessarjament jigi ippruvat li xi wiehed mill-partijiet ghamel simulazzjoni parzjali tal-kunsens tieghu jew taghha. Hawnhekk il-Qorti ser taghmel referenza ghal gurisprudenza varja. Fl-ewwel lok fil-kaz *Atkins Charles vs Atkins Matilde deciza nhar it-2 t'Ottubru 2003 mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili,* l-Qorti qalet hekk :

*"Rigward x'inhuma l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, dawn huma dawk l-elementi li dejjem gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet tal-hajja mizzewga u cjoe` dik ta' unjoni permanenti, esklussiva w irrevokabbli, diretta ghal komunjoni ta' hajja u l-prokreazzjoni u t-trobbija ta' l-ulied. Tant illi ghalhekk jekk xi wahda mill-partijiet ma jkollhiex il-kapacita' kollha biex tassumi dawn id-dmirijiet, iz-zwieg li jigi hekk kreat ma jistax ikun wiehed validu".*

Fl-istess kaz, il-Qorti zzid hekk,

*"Tezisti simulazzjoni parzjali meta persuna teskludi biss wahda jew aktar mill-elementi essenzjali rikjesti biex jigi stabbilit iz-zwieg bhal per*

*ezempju, l-eskluzjoni tal-prokreazzjoni u trobbija ta' l-ulied, jew l-eskluzjoni ta' l-obbligu tal-fedelta' lejn il-parti l-ohra."*

Hawnhekk il-Qorti qeghda wkoll taghmel referenza ghall-kawza *AB vs CB deciza fil-31 ta' Ottubru 2007 (Rik Nru:13/2006)* fejn fuq bazi ta' fatti simili ghall-kaz in dizamina din il-Qorti kif preseduta kienet sabet li z-zwieg bejn il-partijiet kien null ai termini ta' l-Artikoli 19(1)(f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta. Hawnhekk il-Qorti qalet li ladarba l-konvenut ma kellux intenzjoni jikkonvivi, allura kien qieghed jeskludi element essenzjali tal-hajja mizzewga.

*"Mill-provi jirrizulta car li huwa qatt ma kellu l-intenzjoni li jikkonvivi ma' l-attrici f'unjoni permanenti, irrevokabbli u esklussiva bazata fuq il-konvivenza diretta lejn l-ben essere reciproku, il-prokreazzjoni u t-trobbija tat-tfal… Anke l-fatt per se li xahar wara z-zwieg huwa mar il-Yugoslavia wahdu, kontra r-rieda espressa ta' l-attrici, fejn dam tlett gimghat mal-familjari tieghu u tahom il-flus li kienu ghar-rigali tat-tieg; dan il-fatt huwa indikattiv tan-nuqqas ta' rispett u mhabba da parti tal-konvenut lejn martu".*

Illi minn ezami tal-provi, ma hemm l-ebda dubju f'mohh il-Qorti, li ghalkemm il-konvenut ghadda mic-ceremonja taz-zwieg, huwa internament u b'att posittiv tar-rieda tieghu, eskluda l-obbligazzjonijiet essenzjali ghall-hajja mizzewga. Jirrizulta car li huwa qatt ma kellu intenzjoni li jghix ma' l-attrici f'unjoni permanenti, irrevokabbli u esklussiva bazata fuq konvivenza diretta lejn il-*ben essere* reciproku. Dan gie ippruvat ladarba l-konvenut ma riedx affari ma' martu wara z-zwieg, tant li kien jghidilha li lilha hadd ma jrid imissha, marbut anke mal-fatt li l-konvenut waqt l-kunsens tieghu irriserva ghalih id-dritt li jkollu relazzjonijiet intimi ma' nisa' ohra, u ghalhekk qatt ma kellu intenzjoni li jghix l-esklussivita' taz-zwieg. Din hija prova cara li l-konvenut b'att pozittiv eskluda z-zwieg inniffsu, ghaliex iz-zwieg jirrikjedi l-esklussivita', haga li f'dan il-kaz ma gietx rispettata sa mill-bidu nett tal-hajja matrimonjali.

Il-Qorti thoss li l-konvenut ma tax l-importanza li jisthoqq lill-konvivenza matrimonjali. Dan peress li jirrizulta li l-konvenut waqt iz-zwieg kien ihalli

lill-attrici ghal perjodi twal ta' zmien wahedha u hi kienet tkun konvinta li qieghed jorqod ma' nisa' ohra. Zwieg minghajr konvivenza serena mhux zwieg u ghalhekk ma kienx hemm cans li z-zwieg jibda jsehh ladarba l-konvenut kien jitlaq lill-attrici wahedha ghal zmien twil.

Min-naha l-ohra, lanqas ma jirrizulta li l-konvenut ghamel xi haga biex jipprova jirranga din is-sitwazzjoni, anzi z-zwieg kompla jaggrava sforz ta' l-intransigenza tieghu li jkompli fir-relazzjonijiet adulteri u fl-abbuz tal-loghob.

Ghalhekk il-Qorti hi tal-fehma li dan iz-zwieg huwa null ai termini ta' l-Artikoli 19(1)(d) u 19(1)(f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta, minhabba li l-kunsens tal-konvenut kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirjiet essenzjali taghha u kif ukoll il-konvenut eskluda wahda jew aktar mill-elementi essenzjali ghall-hajja mizzewga u ghalhekk it-talba ta' l-attrici jisthoqqilha li tigi milqugha.

**<u>Decide</u>**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa' t-talbiet tal-attrici u tiddikjara z-zwieg ikkuntrattat bejn il-partijiet fl-14 t'April 2012 u registrat fir-Registru Pubbliku bin-numru t'iskrizzjoni 490/2012 bhala null u bla effett fil-ligi *ai termini* ta' l-Artikolu 19(1)(d) u 19(1)(f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta u sussegwentement tawtorizza lill-attrici tirregistra fir-Registru Pubbliku din is-sentenza wara li ssir *res judicata*.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

Ft. Dr. Abigail Lofaro — ft. Rita Vella-Baldacchino

Imhallef — Dep. Reg.